# AVVIŻI

- Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
  Il-Ħadd 6 u 20 ta' Lulju 2014 fis-6.30p.m.
  Il-Ħadd 3 u 17 ta' Awwissu 2014 fis-6.30p.m.
  Il-Ħadd 7 ta' Settembru 2014 fis-6.00pm
  Il-Ħadd 21 ta' Settembru 2014 fil-5.30p.m.
  Il-Ħadd 5 u 19 ta' Ottubru 2014 fil-5.00p.m.
- Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
- Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email: ourladyofconsecration@gmail.com.
- Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud. Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
- Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
- L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: **www.ourladyofconsecration.org**
- Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u YouTube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 99 Lulju 2014 JITQASSAM BLA ĦLAS



***Fr. Dunstan Xuereb u Fr. Eusebio Debono OCD fil-Girgenti***

## INFAĦĦRU U NIRRINGRAZZJAW LIL ALLA FLIMKIEN

Magħkom nirringrazzja lil Alla għal żewġ avvenimenti kbar li kellna fil-Girgenti fix-xhur li għaddew. Fil-laqgħa tal-4 ta' Mejju 2014 fakkarna it-tmienja u għoxrin sena minn meta Ġuża Mifsud, il-fundatriċi tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Dakinhar il-laqgħa kienet immexxija minn Fr. Dunstan Xuereb. Imbagħad fl-1 ta' Ġunju il-Girgenti kompla jitqaddes b'quddiesa li saret hemmhekk minn Fr. Eusebio Debono fl-okkażjoni tal-ħamsin sena tiegħu bħala saċerdot. Din il-quddiesa saret bil-permess ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona. Nirringrazzja lil kull min ta' sehemhu sabiex dawn iż-żewġ okkażjonijiet ta' ferħ ikunu suċċess, fost dawn nirringrazzja lil Kor Hallelujah tal-Parroċċa ta' Raħal Ġdid immexxi minn Ms. Rose Piccinino u lis-Sur Lawrence Genovese

tal-filmati li ġibed. Min jixtieq isegwi dawn il-laqgħat jista' jidħol fuq il-pagna ta' Facebook li ġġib l-isem Madonna tal Konsagrazzjoni.

## L-4 TA' MEJJU – IT-TMIENJA U GĦOXRIN ANNIVERSARJU

Għal din l-okkażjoni Fr. Dunstan Xuereb wassal dan il-messaġġ: "...Aħna nimxu wara Marija mhux għax aħna drajna insellmulha bħala omm imma għax Marija tfakkarna li Alla, lil dawk li kienu tant qrib Tiegħu, ma ħelishielhomx. Anka lil dik illi għażel illi tkun ommu ma setgħetx ma tkunx tixbħu fit-tbatija li kellha tagħmel: tbatija, umiljazzjoni, dak kollu illi ġarbet fis-skiet ta' qalbha f'dak il-lejl tal-biża meta rat lil binha, bla ħiela, bla ħeġġa, imut mingħajr ħtija...

Marija baqgħet hemm sa taħt is-salib. Id-dixxipli li għażel Ġesu illi kienu tant qrib miegħu, wieħed biss baqa' tant fidil lejħ, l-oħrajn beżgħu, tfixxklu, bħalma jitfixkel kull bniedem meta jħalli l-biża u l-qilla tax-xitan taħkem fuqu u jitfixkel. Marija hija l-mara li tbati. Meta jiena nħares lejn it-titular tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, ħaġa li tolqotni tassew hija l-wiċċ kiebi ta' Marija. Huwa wiċċ li jbati, wiċċ li l-bixra tiegħu hija bniedma li għaddiet minn tbatija kbira u għadha tgħaddi minn tbatija kbira għaliex jekk hi verament ħadet fuq spallejha li tkun omm il-bnedmin ma tistax ma tbatix meta tara lill-bnedmin ibatu minħabba l-ebbusija ta' rashom...

Imma mhux din biss it-tbatija li tħoss Marija... Tant nies ħasbu illi għaliex il-but huwa aktar oħxon, għandhom aktar poter, għandhom aktar konnessjonijiet, jafu aktar nies, jaħsbu li Alla huwa affarijiet tal-antik, jaħsbu li d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u l-imħabba lejn Marija li huma l-pilastri tal-fidi nisranija, huma affarijiet li ma għandnix bżonnhom naghtu kashom. Imma ħarsu lejna. Aħna mxejna ma' Marija llum għaliex aħna doqna t-tbatija. U tgħiduli, "Mela dawn ma jbatux?" Mela ma jbatux imma jippruvaw jfittxu soluzzjoni f'affarijiet li ma jagħtux sodisfazzjon...

Jekk lil ommu Marija Ġesu għaddieha minn din it-triq, għalfejn kultant ingergru jekk il-Mulej iżejjinna b'salib, iżejjinna b'diffikulta, bil-mard, bl-uġigħ, b'nuqqas ta' rispett min-nies, min-nies li donnhom tilfu s-sinifikat tal-ħajja. Marija kienet il-mara tal-ubbidjenza, f'kull ħin u f'kull mument u ma kinitx faċli, ngħiduha kif inhi, illi xebba tmur għand is-sieħeb imwiegħed lilha u tgħidlu li Alla bagħtilha anġlu u li qalilha li kellha tagħti lid-dinja lil Alla stess.

Kienu jistennewh lill-Messija, imma mhux hekk! U Ġużeppi ir-raġel magħżul minn Alla biex iwieżen u jkun pedestal għal Marija wkoll qisu tħawwad u tfixkel għax dawn il-ġrajjiet qatt ma ġraw u qatt ma ħa jerġgħu jiġru. Imma jekk Alla jagħti l-piż, Alla jagħti wkoll il-qawwa biex jerfgħu u Marija sabet f'Ġużeppi ir-raġel li kellu jieħu ħsiebha u jmexxiha fit-triq li kellha tgħaddi...

Marija hija dik li tqassam il-grazzji ta' Alla. Alla għandu l-grazzji f'idejh u ħalla lil Ommu Marija biex hi tqassam dawn id-doni lil dawk li jitolbu lilha u lil Alla. Jekk Alla lil Marija fdalha lil binha Ġesu, mhux ħa jsibha diffiċli biex jafdalha l-grazzji kollha li hu jaf jagħti lil dawk li jitolbuh, lil dawk li b'umilta sħiħa jersqu u jftixxu lil Alla.

Ġesu jitwieled fil-faqar, jgħix fil-faqar u jmut fil-faqar. U l-istess mod Marija... imma Alla ried jagħtiha rikonoxximent kbir: ġabarha miegħu biex il-ġisem li ta il-ħajja ma jarax it-taħsir. Xi jfisser dan għalina fil-ħajja tagħna? Ifisser li hemm mara qawwija, li tinterċedi għalina lejl u nhar quddiem it-tron ta' Alla, hemm mara qawwija li qatt ma kienet mirbuħa mix-xitan, hemm mara qawwija li l-ebda bniedem ippossessat mix-xitan qatt ma offendiha... Hemm mara qawwija li għall-kelma tagħha Alla kapaċi jħares lejna u jħenn għalina, hemm mara qawwija li tifhem it-tbatija, tifhem il-bnedmin ħutha u hi tbati magħhom u hi tinterċedi għalihom. Hija mara ta' tama li baqgħet hemm wieqfa taħt is-salib, ma kinitx taf x'ser taqbad tagħmel, ma kinitx taf x'tista tagħmel, biss offriet il-preżenza tagħha... Dawk li jħallu lil Marija u lil Ġesu fuq ix-xini tal-ħajja tagħhom il-vapur ma jegħriqx anzi jibqa' jbaħħar f'baħar imqalleb u jasal fejn għandu jasal...

Aħna wkoll nafu illi min jgħix il-ħajja nisranija kif suppost bilfors irid ibati, dak huwa l-veru nisrani... In-nisrani li jibża', li jkejjel u jgħid x'jaqbillu u jitkellem kif jaqbillu biex ikun popolari m'huwiex il-vera nisrani. Jekk inti ma' Kristu, dejjem, kemm fix-xemx u kemm fix-xita, kemm fil-bnazzi u kemm fil-maltemp u bħalma s-salib ta' Kristu baqa' mwaħħal fl-art u Marija baqgħet imwaħħla ħdejħ sakemm niżżlu l-ġisem mejjet tal-Iben Ġesu fi ħdanha, hekk ukoll Ġesu u Marija jibqgħu ħdejn dawk li bla biża jistqarruhom fid-dinja, "għax kullmin jistqarrni quddiem il-bnedmin, jiena wkoll nistqarru quddiem Missieri li hu fis-smewwiet imma min jiċħadni quddiem il-bnedmin, jiena wkoll niċħdu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet."

Marija ma għażilhiex Alla għax kienet l-aktar mara nobbli ta' żmienu... imma għax kienet mara li taqdi... Aħna hawnhekk inqimu t-titolu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, jiġifieri konsagrata b'mod sħiħ, jiġifieri hija kollha kemm hi ta' Alla... Marija hija l-post fejn Alla għex, inħeba għal disa' xhur, hija l-mara li sostniet lil Ġesu, illi fisqitu u rabbietu u meta kien il-waqt ħallietu jmur... Mela Marija tgħallimna t-triq lejn Ġesu, Marija hija l-aqwa dixxiplu, kellmuha u tieħu ħsiebkom...

U l-aħħar ħsieb li ngħid huwa dan, jekk aħna nibqgħu ngħożżu lil Marija fil-qalb tagħna, jiġri x'jiġri fil-ħajja tagħna aħna salvi, għax ma hemm ħadd li jinsab fil-Ġenna li qabel... ma kienx vera devot ta' Marija. U l-vera devozzjoni tinsab filli wieħed jimitha u jħobbha. Anka jekk iħobb lilha biss bla ma jaf kif iħobb lil Alla, bla ma jaf qed iħobb lil Alla għaliex hi ħa tgħallmek dejjem kif tħobb lil Alla.

Għalhekk ħuti ejjew nirringrazzjaw lill-Mulej illi llum qegħdin miġburin flimkien biex nirriflettu fuq din il-mara tant qaddisa, tant prezzjuża imma tant umli, tant komuni, għaliex Alla ma jagħżilx li jlellex, Alla jagħżel is-sempliċi, lil min hu fqir, bla ħila quddiem il-bnedmin imma mimli qawwa u qlubija quddiem Alla. Jalla aħna nidru sbieħ quddiem Alla bħalma kienet tidher Marija u jalla ilkoll kemm aħna, fil-ħin li meta l-Mulej jogħoġbu jsejjħilna imorru ngawduha flimkien ma dawk li marru qabilna u ngħixu ħenjin fis-sema pajjiżna. Ikun imfaħħar Ġesu Kristu..."

## L-1 TA' ĠUNJU 2014 – QUDDIESA FIL-GIRGENTI

Fl-omelija Fr. Eusebio Debono qal hekk: "Nirringrazzjakom li ġejtu għal din iċ-ċelebrazzjoni llejla fejn obbligat nirringrazzja lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħi f'dawn il-ħamsin sena ta' saċerdozju. Il-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II fil-ktieb tiegħu "Inqumu Ejjew Immorru"... qal hekk, "il-vokazzjoni tiegħi hija att ta' mħabba li Alla għad għandu lejja." Taqbel perfettament ma' dak li hemm fil-vanġelu meta Ġesu qalilna, "Mhux intom għażiltuni imma jiena għażiltkom u għażiltkom għal skop wieħed biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa'"

Mela l-vokazzjoni ta' saċerdot hija att ta' mħabba kbira li Alla għandu lejna, lejn is-saċerdot, pero jiena inżid ngħid, lejn kulħadd, għax iż-żwieġ mhux vokazzjoni? Ix-xebbiet li jiddedikaw ħajjithom għal verġinita' m'ijiex vokazzjoni? Il-ġuvintur li jiddedikaw ħajjithom bħalma tal-Mużew mhux vokazzjoni? U ħafna oħrajn. Dawn huma kollha mħabba ta' Alla...

Jiena f'dawn il-ħamsin sena Alla tani ħafna esperjenzi sbieħ ta' l-imħabba tiegħu: esperimentajtha, missejtha b'idejja, naf mhux biss li Alla jeżisti imma naf ukoll li Alla huwa mħabba u mħabba fil-veru sens tal-kelma.

Ekku ħuti, illum qegħdin niċċelebraw proprju din il-festa tat-tlugħ fis-sema tas-Sinjur Tagħna Ġesu Kristu, u l-ewwel lezzjoni li qrajna smajtu lil San Luqa jikteb lil wieħed ħabib tiegħu li jismu Teofolo. Minn huwa dan il-ħabib tiegħu? Huwa jiena, huwa intom... huwa dak li jħobb lil Alla. San Luqa qiegħed jindirizza din il-kelma mhux biss lid-dixxipli ta' żmienu imma anka lilna tallum, li qegħdin ngħixu hawn għaliex hija kelma t'Alla, kelma ħajja. San Pawl imbagħad fl-ittra tiegħu qed jitlob lil Alla żewġ affarijiet. L-ewwel nett talab li jagħtina l-għerf ħalli ngħarfu verament fejn hija l-kelma ta' Alla u fejn m'ijiex il-kelma ta' Alla. Tafu bħali illi anka llum il-ġurnata d-dinja mhix kuntenta b'Ġesu Kristu u trid teqirdu, imma għalxejn, ma hi ser tagħmel xejn, għaliex hemm ħafna li qed ixandru l-kelma t'Alla, hemm ħafna li qegħdin jgħixuha. Ġesu Kristu fil-vanġelu, fl-aħħar frażi qalilna, "Jiena magħkom dejjem sa' l-aħħar taż-żminijiet."



Barra li talab l-għerf San Pawl, talab ukoll li jiftħilna qalbna. Dina kienet l-għajta prinċipali tal-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II, li kif tiftakru fil-bidu tal-pontifikat tiegħu, qalilna, "Iftħu qlubkom għal Kristu." Għaliex? Jekk aħna ma niftħux qalbna għal Kristu għal min tridna niftħuha? Għad-dinja bl-inganni tagħha? Bil-faċċoliżmu kollu tagħha? Għal min? Fl-aħħar mill-aħħar meta ngħalqu għajnejna mhux id-dinja ħa tkun magħna imma Ġesu Kristu. Allura mhux aħjar illi issa li għandna dan iż-żmien inkunu ħbieb miegħu. Ma noqgħodux ngħidu, "imbagħad meta nixjieħu naraw," le, issa, hemm salm jgħid, "jekk illum tisimgħu leħnu la twebbsux qalbkom."

Santu Wistin jgħid, "Ħobb u għamel li trid", pero tħobb bil-verita', tħobb lil Alla, tħobb lil Ibnu Ġesu Kristu, tħobb il-valuri li jxandrilna fil-vanġelu, tħobb bis-serjeta, u meta inti tħobb bis-serjeta m'intix ser tiżgarra mit-triq tiegħu. Inti ser tibqa' hemmhekk, fit-triq ta' Ġesu Kristu.

Hekku llum pero xtaqt illi aħna bħala nsara mgħammdin nifhmu dak il-kliem li Ġesu qal lid-dixxipli fuq il-muntanja tal-Galileja, "Morru xandru il-kelma t'Alla." Xi tfisser din? Il-Galilea kien post tal-pagani, fejn ma kienux jeżistu dawk li jsegwu lil Ġesu u allura Ġesu Kristu ħadhom hemmhekk biex jgħidilhom, "Ara jiena mhux tiela u nħallikom waħedkom le, jiena tiela u ħa nibqa' magħkom." Ftit mumenti oħra l-inbid u l-ħobż li ser itellgħu ser jinbidlu fil-ġisem u d-demm Tiegħu. Aħna ser nirċievu id-divinita' ta' Ġesu Kristu ġewwa fina. U għalhekk għandna l-qawwa u għandna s-saħħa u għalhekk Ġesu Kristu lid-dixxipli Tiegħu qalilhom, "Morru xandru l-aħbar it-tajba."

Biex tkunu tafu ħuti l-ewwel dmir tas-saċerdot huwa li jxandar il-kelma ta' Alla... U dina mhix obbligu tagħna biss bħala saċerdoti imma obbligu tagħna lkoll li qegħdin hawn illejla. Għaliex? Għax aħna lkoll mgħammdin. Xi tfisser tkun mgħammed? Tkun membru tal-knisja ta' Ġesu Kristu u allura aħna ma nistgħux niġu naqqgħu u nqumu mill-aħwa tagħna li forsi tbegħdu mill-Knisja. Fil-kuxjenza tagħna aħna obbligati li naħdmu għal dawn in-nies li telqu l-Knisja tagħna... aħna ma nistgħux ngħalqu ħalqna u ma nitkellmux. Inkella Ġesu jgħidilna, bħalma qalilna fil-vanġelu, "Min jistħi jxandarni quddiem in-nies, jiena nistħi nxandru

quddiem Alla Missieri." Alla jħares naqalgħu din iċ-ċanfiera mingħand Ġesu Kristu fuq is-sodda tal-mewt! Aħna fuq is-sodda tal-mewt nixtiequ nisimgħu, "Ejja qaddej fidil, talli kont fidil fil-ftit jiena ħa ndaħħlek fil-ħafna."

U l-festa tallum proprju qegħda tistedinna għal dan. Ftakru fl-impenn sagrosant li għandkom, ma tistgħux taħarbu minnu... Jiena b'għajnejja rajt żwieġijiet jirranġaw bis-smiegħ tal-kelma ta' Alla, rajt nies mifrudin minn xulxin jirranġaw bit-talb li sar għalihom. Il-kelma t'Alla għandha qawwa enormi, irridu nippruvawha, nagħmlu esperjenza tagħha... San Pawl minn persegutur ta' Ġesu Kristu... sar appostlu. Għaliex? Għax il-kelma t'Alla bidlitu, fetaħlu qalbu lil Alla...

Hekku ħuti nirringrazzjaw flimkien lil Alla ta' dak li għamel miegħi f'dawna l-ħamsin sena. Jiena kif għidtilkom tani ħafna esperjenzi sbieħ, ipprovdili f'ħajti ħafna nies li għenuni, għenuni spiritwalment, għenuni bit-talb tagħhom. Kelli wkoll esperjenzi daqsxejn iebsin hu speċjalment il-mard... imma dak huwa s-salib tiegħi... it-tbatija lil kulħadd tweġġa, pero nafdaw f'dan il-kliem tallejla, "Jiena magħkom dejjem sa' l-aħħar taż-żmien." Dan l-aħħar il-Mulej ipprovdieli l-aħwa tal-Kumitat tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni li f'kollha kemm huma, sibt ukoll għajnuna spiritwali u anka materjali.

Għalhekk ħuti nirringrazzjaw lil Alla ta' dak kollu li għamel miegħi u ta' dak kollu li għamel magħkom, għax intom qegħdin hawn bis-saħħa Tiegħu u mhux bis-saħħa tiegħi. Hu ġabkom hawn... biex tifirħu għax in-nisrani tneħħilu l-ferħ mhux nisrani. Il-ferħ huwa s-sinonimu tan-nisrani... Kuraġġ ħuti... u nirringrazzjakom f'isem il-Mulej."

**Sylvana Spiteri LL.D**

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Fl-okkażjoni tat-tmintax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tlieta 28 ta' Ottubru 2014 fis-6.30p.m. Kulħadd huwa mistieden.



## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**N.N. mis-Siġġiewi kitbet hekk:** Xi sitt snin ilu kelli problema ta' saħħa, għaliex bdejt nara d-demm. Bdejt nitlob lil Ġuża sabiex tinterċedi għalija quddiem il-Madonna u anka mort għand it-tabib.

It-tabib meta rani irreferini għand il-Professur. Kont inħossni bla saħħa, kont inħossni li m'iniex sewwa u f'sikti. Għand il-Professur ma mortx mill-ewwel u bqajt nitlob lil Ġuża. Aħna għandna xi raba ix-Xagħra (limiti tas-Siġġiewi) u darba minnhom meta konna niżlin mill-għalqa ħassejt lil xi ħadd idawwarli rasi u ġejt inħares lil fejn hemm l-istatwa tal-Madonna tal-Girgenti.

F'daqqa waħda ħassejtni mfejqa, ħassejt li ġejt normali, saħħti reġgħet ġiet lura. Meta mort id-dar ikkonfermajt li t-tnixxija tad-demm kienet waqfet. Meta rajt dan ħassejt li ma għandix bżonn immur għand il-Professur. Iżda smajt bħal leħen Ġuża jgħidli, "Mur għand il-Professur ħalli sserraħ moħħok."

Hekk għamilt u filfatt il-Professur qalli li ma għandi xejn serju, tant hu hekk li ma tani ebda kura b'mediċini iżda qalli biss sabiex niekol ħobż ismar. Nammetti iżda li ħobż ismar qatt ma ħadt għax kont qed inħossni mfejqa kompletament u minn dak inhar sallum qatt aktar ma reġgħet tfaċċat din il-problema.

Ta' dan nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud.

*N.B. Hemm diversi grazzji oħra li jidhru fil-fuljetti li ġejjin.*